MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 34/2009/1

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**v.**

**Mark Lombardi**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza ta’ Mark Lombardi minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fid-9 ta’ Ottubru 2009 li

qieset li l-mankanza tad-dritt tal-prezenza ta' avukat waqt l-interrogatorju mhux *per se* leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u ordnat li l-kaz ikompli jinstema' skont il-ligi. L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.

Is-sentenza nghatat in segwitu ghal talba ghal riferenza li saret permezz ta' rikors datat 6 ta' Mejju 2009 minn Mark Lombardi fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet, **Il-Pulizija v. Mark Lombardi** sabiex jigi determinat minn din il-Qorti jekk il-mankanza tad-dritt tal-prezenza ta' avukat waqt l-interrogatorju hux leziv tad-dritt tieghu kif sancit fl-Artikoli 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat illi dawn huma proceduri wara referenza li saret lill din il-Qorti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2009, li in forza tieghu qieset bhala mhux frivola u vessatorja talba tal-imputat ghad-dikjarazzjoni li kienu lezi d-drittijiet fundamentali tieghu meta ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-pulizja ezekuttiva, waqt liema zmien huwa rrilaxxja stqarrija minghajr beneficcju li jikkonsulta ma' avukat;
Rat illi l-imputat ressaq it-talba tieghu fid-dawl tal-fatt li, skont hu, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet "Salduz vs Turkija", applikazzjoni numru 36391/02 ddecidiet li l-mankanza tad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogatorju huwa leziv tad-drittijiet fundamentali taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generaliipprezentata f'dawn l-atti li in forza taghha esponew illi:

“1. Preliminarjament, in kwantu r-rikorrent qed jallega li ghax m’hemmx ligi fuq dan il-punt partikolari, allura dan in-nuqqas qed jikser id-drittijiet fundamentali tieghu, l-esponenti jissottomettu li din il-Qorti ma tistax tintalab tillegisla jew tordna li ghandu jkun hemm xi ligi partikolari. Il-fergha legislattiva tal-Istat hija l-Parlament u l-Qorti ma tistax tintalab tehodlu postu.

“2. Preliminarjament ukoll, u ghall-istess raguni tal-ewwel paragrafu, in kwantu r-rikorrent, permezz ta’ din il-procedura, jittenta jgib dikjarazzjoni minn din l-Onorabbli Qorti li n-nuqqas ta’ ligi jikser id-dritt fundamentali ta’ smigh xieraq, din l-azzjoni hija karenti minn interess guridiku kif jitlob l-artikolu 4 tal-Kap 319, stante li r-rikorrent qed jipprova jaghmel biss ezercizzju akkademiku u in abstracto.

“3. Illi fil-mertu jinghad li ma jezisti l-ebda dritt fundamentali t’assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta’ smigh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b’reat kriminali. U meta l-Qorti Ewropea sabet li kien hemm ksur tad-dritt ta’ smigh xieraq minhabba n-nuqqas t’assistenza minn avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija, ikkwalifikat il-gudizzju taghha u qalet li jekk eventwalment il-persuna ma kienx se jkollha smigh xieraq fil-proceduri kriminali, allura l-persuna ghandu dritt ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni. Jigifieri mhux il-kaz li l-Qorti Ewropea qalet li jekk persuna ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta’ dritt ta’ smigh xieraq.

“4. Illi jinghad ukoll li d-dritt ta’ smigh xieraq irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalita’ tal-procedura u mhux fir-rigward ta’ mumenti minnha. Inqas u inqas ma jista’ jkun evalwat fir-rigward ta’ mumenti li sehhew qabel ir-rikorrent tressaq akkuzat. Dan il-punt isahhah ukoll dak li inghad fil-paragrafu 3. F’dan is-sens, l-esponenti jaghmlu referenza ghall-kaz **Imbroscia v. Switzerland:**

*‘The manner in which article 6(1) and 3(c) is to be applied during the preliminary investigation depends on the*

*special features of the proceedings involved and on the circumstances of the case. In order to determine whether the aim of Article 6 – a fair trial – has been achieved, regard must be had to the entirety of the domestic proceedings conducted in the case*[1]*.'*

"5. Illi jinghad ukoll li fil-kaz **Salduz vs Turkey**, l-fatti kienu hafna differenti mill-kaz odjern. L-ewwelnett it-Turkija kellha ligi li tirregola l-materja. Jinghad ukoll li Salduz kien minorenni fiz-zmien tal-kaz u kien hemm ukoll allegazzjoni ta' trattament hazin tieghu waqt l-interrogazzjoni u li ta l-istqarrija tieghu meta mgieghel. Jigifieri meta wiehed jaghmel referenza ghall-gurisprudenza, wiehed irid isib sett ta' fatti li kemm jista jkun jkunu simili. F'dan il-kaz hemm differenzi importanti fil-fatti bejn il-kaz **Salduz** u l-kaz odjern.

"6. Illi fil-kaz odjern imkien ma gie allegat li r-rikorrent gie b'xi mod imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa inghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, izda li dak li kien se jghid seta' jingieb bi prova kontrih. Ir-rikorrent wara din it-twissija ghazel li jwiegeb il-mistoqsijiet li sarulu u mill-istqarrija nnifisha jirrizulta li l-istess rikorrent kien qieghed jifhem l-import tac-cirkostanza li kien jinsab fiha.

"Rat l-atti tal-process kriminali tuttora pendenti kontra r-rikorrent;

"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

"Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

"Ikkunsidrat;

"Illi kif inghad, dawn huma proceduri fejn ir-rikorrent Mark Lombardi jallega li bl'stqarrijiet li hu ta' lill-pulizija ezekuttiva waqt l-interrogatorju u waqt li ma kienx assistit minn avukat, u li sussegwentement gew esebiti fl-atti tal-

[1] App.No: 1397/88 – 4/11/1993

proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu u li jinvolvu akkuzi ta' agir bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, u ghalhekk talab li, wara li dan jigi stabbilit, l-istess stqarrijiet ghandhom jigu sfilzati mill-process.

"Din il-Qorti trid tirrimarka mil-ewwel dwar l-atteggjament daqxejn kontraditorju da parti tar-rikorrent li, fi stadju bikri, ma opponiex ghall-presentata fil-process kriminali tal-istqarrijiet irrilixxati minnu. Dawn l-istqarrijiet gew esebiti fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 2005, quddiem il-Qorti tal-Magistrati msemmija, u r-rikorrent li kien debitament assistit mhux biss ma opponiex li l-istess jigu esebiti, izda sahansitra ezenta lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq lill-ufficcjali tal-pulizzija sabiex jixhdu fuq l-istqarrijiet msemmija. Ir-rikorrent ma ressaq ebda ilment dwar l-istqarrijiet li gew esebiti, u kien biss <u>erba snin</u> wara li talab l-isfilz taghhom ghax allega li ittiehdu bi vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu.

"Trattat issa, il-meritu tal-lanjanza tar-rikorrent, din il-Qorti tara li r-rikorrent jaghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fuq dina l-kwistjoni, fosthom id-decizjoni ta' Salduz vs Turkey. Fil-maggior parti taghhom is-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghar-rigward ta' dana l-ilment kollha wasslu ghal decizjoni dwar jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-ligi f'dana ir-rigward wara illi hadu in konsiderazzjoni l-fatt jekk mil-kumpless tal-provi kollha migjuba kontra l-persuna akkuzata, l-istqarrija ta' akkuzat li ma kienx assistit minn avukat kellhiex piz fuq decizjoni eventwali li ittiehed fil-konfront ta' dak l-akkuzat, jew inkella jekk tali stqarrija setatx kellha xi piz fuq tali decizjoni. Il-Qorti ghalhekk sabet vjolazzjoni fejn tali stqarrija wasslet ghal kundanna fil-konfront tal-persuna akkuzata izda ma sabitx tali vjolazzjoni fejn kien hemm provi ohra li wasslu ghall-inkriminazzjoni.

"Fil-fatt fis-sentenza Salduz vs Turkey, iccitata mir-rikorrent inghad:

*"The Court reiterates that Article 6(3)(C) may be relevant at the stage of the preliminary investigation in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions. Although Article 6 will normally require that the accused be allowed to benefit from the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation, this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restriction for good cause. The question in each case is whether the restriction, <u>in the light of the entirety of the proceedings</u>, has deprived the accused of a fair hearing."*

"Ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea recentament u cioe' fil-31 ta' Marzu 2009 Plonka vs Poland (application number 2031/02) inghad:

*"The Court reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial. Nevertheless Article 6(3)(C) does not specify the manner of exercising this right. It leaves to the Contracting States the choice of the means of ensuring that it is secured in their judicial system, the Court's task being only to ascertain whether the method they have chosen is consistent with the requirements of a fair trial. In this respect, it must be remembered that the Convention is designed to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective and that assigning counsel does not in itself ensure the effectiveness of the assistance he may afford an accused."*

"Mill-premess isegwi li l-fatt wahdu li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Biex jigi deciz jekk hemmx ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid jigi kkunsidrat l-process gudizzjarju <u>kollu</u>, u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'. Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun il-konfessjoni tieghu fi stqarrija li hu rrilaxxja meta ma

kienx assistit minn avukat, allura l-Qorti li tkun trid tiddecidi l-kaz, trid toqghod ferm attenta, ghax sejba ta' htija f'dawk ic-cirkostanzi jistghu jwasslu lill-Qorti tal-appell tqies dik is-sentenza bhala 'unsafe'. Min naha l-ohra, jekk htija tinsab wara process gudizzjarju li fih b'mod gust jitressqu diversi provi li, fil-kumpless taghhom u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, iwassalu ghall-konvinciment ta' responsabilita' minghajr dubbju raggonevoli, ma jistax jinghad li, ghax tkun saret stqarrija meta l-imputat ma kellux assistenza legali, jkunu gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed irid iqies "the entirety of the proceedings", u mhux stadju wiehed meqjus wahdu.

"Kwindi ma jistax jinghad li, ghall-fatt biss li r-rikorrent irilaxxja stqarrijiet meta ma kienx assistit b'avukat ta' fiducja tieghu, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, u jekk akkuzat fi proceduri kriminali jkunx jew le inghata smigh xieraq irid jigi ezaminat fi tmiem il-process kollu u wara li jsir ezami tal-kumpless tal-istess proceduri fit-totalita' taghhom.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mil-lamenta tar-rikorrent billi tichad l-istess, tqies li l-markanza tad-dritt tal-prezenza ta' avukat waqt l-interrogotorju mhux per se leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tordna li kopja ta' din id-decisjoni tinbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif presjeduta ghall-fini tal-proceduri kriminali li qed jittiehdu kontra r-rikorrent, sabiex l-istess Qorti tkompli tisma' l-kaz skont il-ligi.

"L-ispejjez ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti jithallsu mir-rikorrent."

**Rikors ta' appell ta' Mark Lombardi**

Minn din is-sentenza appella Mark Lombardi b'dawn l-aggravji.

In succinct dawn jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-punt proceduráli sollevat mill-ewwel Qorti fejn semmiet li l-imputat ma setax jilmenta issa dwar fatt in konnessjoni mat-tehid tal-istqarrija tieghu meta din kienet ilha ezibita ghal erba snin u dan anke wara li hu kien ezenta lill-prosekuzzjoni milli tipproduci xhieda dwar l-istess stqarrija. L-appellant jissottometti li fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni kien inutili ghalih li jopponi l-produzzjoni tal-istqarrija dment li din setghet tigi prodotta skont il-Ligi. Ir-raguni ghaliex ezenta l-produzzjoni taz-zewg xhieda kienet li dawn kienu ser jixhdu biss dwar il-fatt li hu kien irrilaxxja stqarrija, haga li huwa mhux qed jikkontesta. Inoltre l-appellant jissottometti li ma hemm ebda terminu li fih kellu jressaq l-ilment kostituzzjonali tieghu.

2. Fil-mertu l-appellant jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tac-cirkostanzi tal-kaz u tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Hu jghid li l-ewwel Qorti enfasizzat wiehed biss mill-principji elenkati fid-decizjonijiet in materja u cioe` li l-process gudizzjarju kellu jigi kunsidrat fl-assjem tieghu u mhux biss l-istqarrija waheda. L-insenjament tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea jmur oltre dan u jinsisti li biex ikun hemm garanzija ta' osservanza tad-dritt ta' smigh xieraq l-assistenza ta' avukat ghandha tkun hemm mill-bidunett ossija mill-istadju tal-investigazzjoni. Ghalhekk jekk ikunu gew lezi d-drittijiet tal-akkuzat waqt l-investigazzjoni wiehed ma jistax jargumenta illi dan mhux se jkollu effett fuq il-proceduri li jsegwu.

L-appellant ma jaqbilx mal-argument tal-ewwel Qorti li t-tehid tal-istqarrija minghajr assistenza legali mhux bil-fors jilledi d-drittijiet tal-akkuzat meta jkun hemm provi ohra apparti l-istqarrija. Dan kien l-argument tal-ewwel Chamber fis-sentenza ta' **Salduz** izda gie skartat wara mill-Grand Chamber.

Fl-ahharnett l-appellant jissottometti li fil-kaz ta' **Salduz,** il-Qorti Ewropea ma bbazatx ruhha fuq il-fatt li l-applikant kien minorenni, imma dan il-fatt isemma' biss fl-ahhar nett tas-sentenza biex issahhah l-argument taghha.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Ottubru 2009 u konsegwentement tilqa' t-talba tieghu fis-sens li tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tieghu ta' smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, u konsegwentement taghti rimedju ghal tali lezjoni.

**Risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Il-konvenuti appellati jikkontendu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u li timmerita li tigi konfermata, prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.

Dwar l-aggravju fuq il-punt procedurali l-appellati jsostnu li ghalkemm huwa veru li ma hemm ebda zmien perentorju li fih ghandha titressaq lanjanza kostituzzjonali, pero` jekk kien hemm xi haga skorretta fit-tehid tal-istqarrija, l-appellant messu qajjem dan il-punt mill-ewwel, altrimenti l-agir tieghu ghandu jigi kkunsidrata bhala intiz biss biex itawwal il-proceduri kriminali bla bzonn.

Fir-rigward tal-mertu tal-appell, l-appellati jsostnu li l-appellant ma sofra ebda pregudizzju bil-fatt li l-istqarrija ttiehdet meta huwa ma kienx assistit minn avukat. L-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tal-kazistika tal-Qorti Ewropea kienet wahda korretta. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jsemmi ebda dritt partikolari li persuna ghandha li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni. Id-dritt ta' assistenza minn avukat m'ghandux jittiehed wahdu f'izolament, imma ghandu jigi kkunsidrat fl-ambitu ta' jekk dan in-nuqqas ta' assistenza jwassalx jew le biex persuna ma tinghatax smigh xieraq u biex isir dan wiehed irid jezamina l-kaz shih u mhux mumenti partikolari ta' process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Dwar **l-ewwel aggravju** din il-Qorti hi tal-fehma li ma kien hemm xejn xi jzomm lill-appellant (imputat fil-kumpilazzjoni) li jressaq il-lanjanza kostituzzjonali fl-istadju li hu attwalment ressaqha.  Jigi rilevat li l-prosekuzzjoni damet biex tiddikjara li ma kellhiex aktar provi sas-6 ta' Ottubru 2008 (ara fol. 176) meta l-kumpilazzjoni kienet bdiet fis-27 ta' Gunju 2005 (ara fol. 1).  Wara d-dikjarazzjoni ta' l-gheluq tal-provi da parti tal-prosekuzzjoni, kienu anke ntalbu provi ulterjuri mill-Avukat tar-Repubblika.  L-imputat talab ir-referenza fis-6 ta' Mejju 2009.  (fol. 201) meta beda l-istadju tal-provi tieghu. Ghalkemm hu minnu dak li ssottometta l-appellant li hu ma kellu ebda terminu li fih kellu jressaq il-lanjanza kostituzzjonali tieghu, jidher pero` li hu deherlu opportun li jqajjem din il-lanjanza wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Salduz** fis-27 ta' Novembru 2008.  (fol. 300).  Din il-Qorti thoss izda li l-imputat dan legalment seta' jaghmlu.  Fir-rigward tal-bqija tal-ewwel aggravju, kollox ma' kollox jidher li l-appellant ghandu ragun fis-sottomissjonijiet tieghu, kemm ghar-rigward tan-nuqqas ta' oppozizzjoni ghal prezentata tal-istqarrijiet kif ukoll dwar l-ezenzjoni tax-xhieda dwar l-istqarrijiet.

Dwar il-mertu, li hu s-suggett tat-**tieni aggravju** tal-appellant, din il-Qorti ser tirriproduci z-zewg paragrafi ewlenin li fihom l-ewwel Qorti esprimiet r-ragunijiet taghha ghaliex qieset li l-mankanza tad-dritt tal-prezenza ta' avukat waqt l-interrogatorju ma kienx, fil-kaz in ezami, *per se* leziv tad-drittijiet tar-rikorrenti.

*"Mill-premess isegwi li l-fatt wahdu li r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju tieghu, ma jwassalx ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.  Biex jigi deciz jekk hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, irid jigi kkunsidrat il-process gudizzjarju kollu, u mhux jigu kkunsidrati l-istqarrijiet 'in isolation'.  Jekk fi tmiem il-gbir tal-provi l-unika prova kontra l-akkuzat tkun il-konfessjoni tieghu fi stqarrija li hu rrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat, allura l-Qorti li tkun trid tiddeciedi l-kaz, trid toqghod ferm attenta, ghax sejba ta' htija f'dawk ic-cirkostanzi jistghu jwasslu lill-Qorti tal-appell tqis dik is-sentenza bhala 'unsafe'.  Min-naha l-ohra, jekk*

*htija tinsab wara process gudizzjarju li fih b'mod gust jitressqu diversi provi li, fil-kumpless taghhom u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, iwasslu ghall-konvinciment ta' responsabilita` minghajr dubbju raggonevoli, ma jistax jinghad li, ghax tkun saret stqarrija meta l-imputat ma kellux assistenza legali, jkunu gew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Wiehed irid iqies "the entirety of the proceedings", u mhux stadju wiehed meqjus wahdu.*

*"Kwindi ma jistax jinghad li, ghall-fatt biss li r-rikorrent irrilaxxja stqarrijiet meta ma kienx assistit b'avukat ta' fiducja tieghu, gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu, u jekk akkuzat fi proceduri kriminali jkunx jew le inghata smigh xieraq irid jigi ezaminat fi tmiem il-process kollu u wara li jsir ezami tal-kumpless tal-istess proceduri fit-totalita` taghhom".*

Fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant esebixxa kopja ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**, deciza fit-28 ta' Ottubru 2010 fejn dik il-Qorti kellha quddiemha riferenza kostituzzjonali u gie allegat li gew lezi d-drittijiet fondamentali tal-imsemmi Alvin Privitera ghaliex huwa ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u rrilaxxa stqarrija.

Dik il-Qorti, kuntrarjament ghall-Qorti li tat is-sentenza li minnha qed isir dan l-appell, iddecidiet bil-kontra u sabet li n-nuqqas ta' prezenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tieghu kienet lesiva tad-drittijiet tal-istess rikorrenti kif sancit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti fost diversi ragunijiet li hija tat qalet hekk:

*"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm huwa minnu li l-process irid jigi ezaminat fit-totalita` tieghu dan ma jfissirx li hemm bzonn li tistenna l-ezitu finali tieghu bilfors! Jekk hemm ragunijiet li jindikaw li d-dritt tas-smigh xieraq qieghed jigi jew se jigi pregudikat il-Qorti ghandha dmir tiddikjara li tali dritt ta' smigh qed jigi jew ser jigi miksur. Jinghad ukoll li huwa vitali li dan kollu ghandu jigi ezaminat fid-dawl tas-sitwazzjoni li kienet tezisti fiz-zmien*

*meta sar l-arrest, anke dak mertu tal-kawza odjerna, u cioe` l-assenza totali ta' ligi li b'xi mod tiffissa l-parametri dwar l-assistenza ta' avukat f'dawn is-sitwazzjonijiet, ghaliex hawn Malta qabel l-emenda msemmija ma kien hemm f'ebda cirkostanza l-ebda dritt ta' access ghal avukat mill-mument li persuna tigi arrestata mill-pulizija.*

*"Illi fil-kaz in ezami huwa car li fiz-zmien tal-arrest tar-rikorrenti kien hemm in-nuqqas totali ta' legislazzjoni li tipprovdi ghall-assistenza ta' avukat fl-istadju qabel ma persuna tigi akkuzata formalment quddiem il-Qorti. Dan ifisser li lanqas biss kien hemm parametri fejn l-Istat seta' jew ma setax jaghmel restrizzjoni ta' dan id-dritt ghall-assistenza legali u dan qed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata tal-Qorti Ewropea.*

*F'ghajnejn il-Qorti huwa iktar serju fid-dawl tal-kazi ccitati u ezaminati mill-Qorti Ewropea fejn fil-pajjizi relattivi kien jezisti almenu tali dritt izda b'restrizzjonijiet ghall-kazijiet specifici li l-Qorti Ewropea fil-kazijiet partikolari hasset li kienu mhux sufficjenti; multo magis f'dan il-kaz meta qabel l-emendi msemmija ma kien jezisti l-ebda dritt ta' access ghal avukat ghal xejn u allura s-sitwazzjoni kienet izjed serja u pregudikanti ghal kull persuna li tkun arrestata"*

Din is-sentenza giet appellata u giet deciza minn din il-Qorti diversament komposta.

Tikkunsidra:

Fil-kaz odjern l-appellant ibbaza r-referenza tieghu fuq l-Artikolu 6(3)(C) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan l-Artikolu jghid hekk:

"(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

"(3) Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin:

"(c) li jiddefendi ruhu personalment jew permezz ta' assistenza legali maghzula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi bizzejjed li jhallas l-assistenza legali, din ghandha tinghatha lilu b'xejn meta l-interessi tal-gustizzja jehtiegu hekk."

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddecidiet diversi drabi li d-dritt li persuna tiddefendi lilha nnifisha personalment jew permezz ta' assistenza legali huwa element fundamentali tad-dritt ghall-*fair trial*. Insibu f'dawn id-decizjonijiet li:

"The Court further reiterates that although not absolute, the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of fair trial" (**Poitrimol v. France**, 23 November 1993, § 34, Series A no. 277-A, and **Demebukov v. Bulgaria** no. 68020/01, § 50, 28 February 2008).

Id-dritt li wiehed jiddefendi lilu nnifsu personalment jew permezz ta' assistenza legali gie ezaminat diversi drabi mill-Qorti ta' Strasbourg u kien hemm zvilupp notevoli fil-hsieb ta' dik il-Qorti minn xi snin l'hawn.

Fil-kaz **Imbrioscia v. Switzerland 24.11.1993** inghad: "Although the "primary purpose" of Article 6 in criminal proceedings is "to ensure a fair trial by a 'tribunal'", it does not follow that it has no application to "pre-trial proceedings". Imbaghad fil-kaz **John Murray v. the United Kingdom 25.01.1996** gie precizat li "this right, which is not explicitly set out in the Convention, may be subject to restrictions for **good cause**". F'kazijiet ohra gie deciz li l-Qorti Ewropeja kellha tikkunsidra wkoll "whether or not the applicant has made incriminating admissions in the absence of a lawyer" u "whether or not pressure was exerted on the applicant in the absence of a lawyer".

Imbaghad fill-kaz **Salduz v. Turkey** [**27.11.2008]**, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea sahaq li "even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in

police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor". Fil-paragrafu determinanti ta' din is-sentenza (para. 55) jinghad hekk:

"55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction - whatever its justification - must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, *mutatis mutandis*, *Magee*, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction."

Wara dan il-kaz il-Qorti Ewropea ftit li xejn kienet preparata li taccetta eccezzjonijiet ghar-regola stabbilita minnha f'dik is-sentenza dwar id-dritt ghall-avukat.

In segwitu kien hemm kazijiet ohra li jsegwu l-principju stabbilit fil-kaz Salduz. Fil-kaz **Dayanan v. Turkey 13.10.2009**, gie stabilit li 'restriction of the right of an individual deprived of his liberty to have access to a lawyer was sufficient for it to be able to conclude that there had been a violation of Article 6, even though the applicant had remained silent while in police custody'. Fil-kaz **Yeşilkaya v. Turkey 8.12.2009** inghad li: 'The applicant was refused access to a lawyer while in police custody, although he had denied any involvement in the offences imputed to him by the interviewing officers'. Nonostante dan il-Qorti sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 6 § 3 (c) flimkien mal-Artikolu Article 6 § 1. Fil-kaz **Boz v. Turkey 9.02.2010** 'the Court reiterated that systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions breached Article 6'. Min-

naha l-ohra fil-kaz **Yoldas v. Turkey 23.02.2010** 'the applicant's waiver of the right to be assisted by a lawyer had been free and unambiguous' u ma kienx hemm vjolazzjoni ta' Artikolu 6 §§ 1 and 3 (c). (*ara Fact Sheet (Police Arrest) mahrug mill-E C H R*).

Fl-Ingilterra u fl-Iskozja l-Qrati kienu qed jirrinfaccjaw l-istess problemi li Qrati taghna qed jaffaccjaw fir-rigward ta' dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni mill-pulizija.

Fil-kaz **Her Majesty's Advocate v. McLean** [2009] HCJAC 97', il-High Court of Justiciary qalet hekk: "We were referred to a number of cases subsequent to Salduz **- Amutgan v. Turkey** [2009] ECHR 110, **Cimen v. Turkey** [2009] ECHR 186, **Panovits v. Cyprus**, Application 4268/04, 11 December 2008 and **Plonka v. Poland**, Application 20310/02, 31 March 2009. Although all bear to apply *Salduz*, none provides any illumination on the principles discussed in it. We did not find these citations to be of assistance".

Imbaghad dik il-Qorti ddecidiet hekk fil-kaz McLean:

"Notwithstanding the decision in Salduz, it was not a violation of Articles 6(1) & 6(3)(c) ECHR for the Crown to rely at trial on admissions made by a detainee while being interviewed without having had access to a solicitor. This was because the guarantees otherwise available in the Scottish legal system (and, in particular, the requirement that there be corroborated evidence in order to convict) were sufficient to provide for a fair trial.

"It was the use of the statement at the trial, (and) not simply that it had been obtained when legal representation was not available, which constituted the violation."

Din hi l-pozizzjoni li hadet l-ewwel Qorti f'dan il-kaz.

Id-decizjoni ta' McLean pero` giet maqluba recentement fil-kaz **Cadder (Appellant) v. Her Majesty's Advocate**

**(Respondent) (Scotland) [2010] UKSC 43**. F'dak l-appell il-kwistjoni li kellha quddiemha l-Qorti kienet jekk persuna li kienet mizmuma fl-Iskozja mill-pulizija fuq suspett li kienet ikkommettiet reat kellhiex dritt ghall-avukat qabel ma tigi interrogata.

Dik il-Qorti bdiet billi ezaminat jekk kellhiex tiehu "into account any decision of the Strasbourg Court" u cjoe` l-kaz Salduz in partikolari. Hi qalet li, "This does not of course mean that these decisions are to be binding in any way upon the UK Courts[2]" imma fl-istess hin kompliet li, "The court should follow any clear and constant jurisprudence of the Strasbourg Court. There are degrees. But when faced with a unanimous decision of the Grand Chamber, this was, in itself, 'a formidable reason' for following it'. Salduz is a decision of the Grand Chamber, now firmly established in the European Court of Human Rights' case law". [48]

Fil-mertu, fil-kaz Cadder gie deciz li:

"The rule in *Salduz* is based on the right not to incriminate oneself" **[33]**

"The more one reads on through the judgment, however, the clearer it becomes that the Grand Chamber was determined to tighten up the approach that must be taken to protect a detainee against duress or pressure of any kind that might lead him to incriminate himself".

"**[49].** "The guarantees otherwise offered by the Scottish legal system (in particular corroboration) are commendable but are beside the point. They do not address the European Court's concern, which is with self-incrimination" **[50], [66] & [92]**

"A right of access to a lawyer, which is implied in order to protect a right at the heart of the notion of a fair procedure

[2] Effettivament id-decizjonijiet tal-Qorti ta' Strasbourg jorbtu lill-Gvern mhux lill-Qrati. Izda meta Qorti tkun qed tittratta kawza dwar drittijiet tal-bniedem hi ghandha tinterpreta l-ligi f'dan il-kaz konformement ma' l-artikoli tal-Konvenzjoni.

under article 6, must itself lie near that heart. For this reason, in my view there is not the remotest chance that the European Court would find that, because of the other protections that Scots law provides for accused persons, it is compatible with article 6(1) and (3)(c) for the Scottish system to omit this safeguard – which the Committee for the Prevention of Torture regards as "fundamental" – and for suspects to be routinely questioned without having the right to consult a lawyer first. On this matter Strasbourg has spoken: the courts in this country have no real option but to apply the law which it has laid down". **[93]**

Stabbiliti dawn il-principji l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju tal-appellant dwar il-mertu u s-sottomissjonijiet tal-appellati fir-rigward.

Mill-atti tal-Istruttorja jirrizulta li l-appellant Lombardi rrilaxxja zewg stqarrijiet ma' zewg ufficjali tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga fil-Kwatieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana. L-ewwel stqarrija saret fl-24 ta' Dicembru 2003 fl-10.30am (ara fol. 35-36 tal-process) u t-tieni wahda saret l-ghada, 25 ta' Dicembru, 2003. Bdiet fis-siegha ta' wara nofsinhar u spiccat fis-saghtejn u nofs (fol. 37, 38 tal-process) jigifieri madwar tmienja u ghoxrin (28) siegha wara l-ewwel stqarrija. Fl-ewwel sqarrija, l-akkuzat (odjern appellant) mhux biss jinnega kull assocjazzjoni ma' tehid jew traffikar ta' droga, imma lanqas ma hemm il-firma tieghu fuq din l-istqarrija. Fit-tieni stqarrija, jissemmew fatti li jassocjaw lill-appellant ma' persuni ohrajn in konnessjoni ma' tehid u traffikar ta' droga, ghalkemm l-appellant jistqarr li ha pilloli "Ecstasy" f'diversi okkazzjonijiet pero` jichad li huwa direttament kien jittraffika fid-droga. Din it-tieni stqarrija ggib fuqha l-firma tal-akkuzat. <u>La fil-kaz tal-ewwel stqarrija u lanqas fil-kaz tat-tieni stqarrija ma jirrizulta li f'xi stadju l-akkuzat kellu xi access ghal avukat</u>.

Din il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li fil-kaz tax-xhud tal-prosekuzzjoni, Stanley Mark Iles, giet esebita kopja tal-Proces-Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti koncernenti l-istqarrija li x-xhud Iles kien 'a sua volta' rrilaxxja mal-Pulizija u kkonferma quddiem il-Magistrat, ma jidhirx li sar

l-istess fil-konfront tal-appellant. Isegwi ghalhekk li kulma jirrizulta sa issa huwa li z-zewg stqarrijiet tal-appellant Lombardi nghataw bla ebda access ghal avukat u dan hu hekk ukoll ghaliex il-ligi ma kienet tipprovdi xejn ghal tali access.

L-appellati jikkontendu li d-dritt ta’ assistenza minn avukat m’ghandux jittiehed wahdu f’izolament imma ghandu jigi kkunsdirat fit-totalita` tieghu fit-tmiem tal-process.

Fl-imsemmi kaz **Salduz** difiza simili kienet giet avvanzata izda l-Qorti warrbitha billi rragunat li:

“Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions” (***Imbrioscia*, **cited above, § 36).

Qalet ukoll:

“In this respect, the Court underlines the importance of the investigation stage for the preparation of the criminal proceedings, as the evidence obtained during this stage determines the framework in which the offence charged will be considered at the trial” (***Can v. Austria***, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 50, Series A no. 96).

Fil-fehma ta’ din il-Qorti biex jigi dikjarat jekk hemmx lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq il-Qorti mhux necessarjament trid toqghod tistenna sakemm jintemm il-kaz kollu jew li jigi attwalment miksur xi dritt tal-akkuzat, imma jekk ikun hemm diga` ragunijiet bizzejjed li fuqhom il-Qorti tista’ taghmel dik id-dikkjarazzjoni ta’ lezjoni, hija ghandha tezamina l-lanjanza meta tigi sollevata. Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb **“A Practitioner’s Guide to the European Convention on Human Rights”**, 3rd Edition page 70 “While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the

general appraisal of the trial overall”. Fil-fehma ta’ din il-Qorti n-nuqqas ta’ assistenza ta’ avukat fl-istadju ta’ investigazzjoni hu wiehed minn dawn ic-cirkostanzi billi jista’ jiddetermina “the framework in which the offence charged will be considered at the trial” (**Can)**.

Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mal-appellati li hi ghandha tistenna sakemm jinqata’ l-kaz kollu biex tikkunsidra l-ilment tal-appellant f’dan ir-rigward.

Illi kwantu ghall-aggravju proprju tal-appellant il-Qorti thoss li l-gurispurdenza ormai stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha f’dan il-kaz tigi segwita, nonostante li bhala regola l-gurisprudenza ta’ Strasbourg strettament m’hijiex wahda vinkolanti fil-kazijiet kollha.

Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta’ avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni.

Izda anke jekk ikun hemm ragunijiet impellenti ghal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raguni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m’ghandhomx jippregudikaw id-drittijiet tal-akkuzat taht l-Artikolu 6.

Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimedjabbilment pregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.

Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m’ghandu jinkrimina ruhu (kaz **Cadder** fuq surreferit para. 33) kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni ‘conviction’ mhux fattur li ghandu jittiehed inkonsiderazzjoni fit-thaddim ta’ dan il-bilanc. Il-Pulizija ghandha ssib il-mezzi biex issolvi l-kazijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai facli ta’

ammissjoni minn persuna investigata minghajr l-assistenza ta' avukat.

Kif qalet il-Qorti fil-kaz **Salduz:**

"These principles, outlined in paragraph 52 above, are also in line with the generally recognised international human rights standards (see paragraphs 37-42 above) which are at the core of the concept of a fair trial and whose rationale relates in particular to the protection of the accused against abusive coercion on the part of the authorities. They also contribute to the prevention of miscarriages of justice and the fulfilment of the aims of Article 6, notably <u>equality of arms between the investigating or prosecuting authorities and the accused</u>. **[53]**

"At the same time, <u>an accused often finds himself in a particularly vulnerable position at that stage of the proceedings</u>…. In most cases, this particular vulnerability can only be properly compensated for by the assistance of a lawyer whose task it is, among other things, to help to ensure respect of the right of an accused not to incriminate himself". **[54]**

F'Malta l-procedura accettata dejjem kienet li stqarrija li ttiehdet minghand interrogat li ma jkollux l-assistenza ta' avukat fl-istadju bikri tal-investigazzjoni jew interrogatorju hi ammissibli. Din is-sistema ilha snin tigi segwita u ma gietx kontestata hlief dawn l-ahhar snin. Mill-bqija l-aktar li kienet tigi kkontestata kienet tkun il-volontarjeta` tal-istqarrija rilaxxjata. Bhala drittijiet, fost ohrajn, akkuzat kien jinghata l-'caution', kellu d-dritt ghas-silenzju u d-dritt li tal-familja jigu nfurmati bl-arrest tieghu wara certu hin (mhux mill-ewwel). Mill-bqija kien biss bl-Artikoli 355AT u 355AU tal-Kap. 9, introdotti bl-Artikolu 74 tal-Att III tal-2002, li emenda l-Kodici Kriminali, u li gew biss fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010 bl-Avviz Legali 35 tal-2010, li ghall-ewwel darba nghata espressament dritt ta' access ghal avukat lill-persuna li tigi arrestata u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fil-ligi.

Illi fil-kaz in ezami l-appellant rrilaxxja zewg stqarrijiet it-tnejn f'Dicembru 2003 meta l-istess artikoli ma kienux ghadhom dahlu *in vigore* fid-data tal-arrest tieghu. Lanqas ma huwa l-kaz li din il-Qorti tezamina jekk kienx hemm ragunijiet impellenti l-ghala d-dritt ghal avukat gie ristrett jew jekk dik ir-restrizzjoni ppregudikatx il-process gudizzjaru tieghu, billi l-appellant f'dan il-kaz qatt ma kellu d-dritt ghal avukat.

Minn ezami tal-fatti li jemergu f'dan il-kaz, jirrizulta sufficjentement evidenti li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u dan ukoll fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi imsemmija moghtija mill-Qorti ta' Strasbourg, gie vvjolat kemm fuq bazi oggettiva kemm ukoll mill-aspett ta' *"self-incriminating evidence"*. Fil-mument li gie interrogat l-appellant u meta rrilaxxja zewg stqarrijiet mal-ufficjali koncernati kienet tipprevali *"a systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions"*. (**Boz v. Turkey**, u **Dayanan v. Turkey)**. Dippiu' fil-kaz ta' **Dayanan v. Turkey**, kienet instabet lezjoni tal-Artikolu 6 nonostante li l-akkuzat baqa' sieket meta interrogat mill-pulizija. Aktar u aktar allura fejn, bhal f'dak il-kaz, il-persuna interrogata rrilaxxjat stqarrijiet li jikkoncernaw il-htija taghha taht din ir-restrizzjoni ghad-dritt ghall-avukat. Lill-Qorti ma jirrizultawlha l-ebda *"compelling reasons"* biex jiggustifikaw restrizzjoni totali ta' access ghal avukat, kif irrizulta f'dan il-kaz.

Il-Qorti tikkonkludi li ghalhekk fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appellant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ma nghatax l-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt li persuna arrestata tigi assistita minn-avukat ghandu jinghata fil-bidunett ta' l-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirrilaxxja stqarrija izda mhux li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Din il-Qorti tirrileva finalment li d-decizjonijiet tal-Qrati taghna qabel **Salduz** kienu in linja mal-gurisprudenza konstanti tal-Qrati taghna dak iz-zmien. Illum il-gurnata pero` trid tigi applikata l-gurisprudenza tal-Qorti ta'

Strasbourg li saret referenza ghaliha *supra.* Din il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea izda m'ghandhiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-decizjonijiet li llum huma *res iudicata*. Din hi l-istess linja li hadet il-Qorti Ingliza fil-kaz ta' Cadder. [ara para [60] – [62]; [99] – [103]. "The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined". [**A v. The Governor of Arbour Hill Prison** [2006] IESC 45, [2006] 4 IR 88, para. 36.]

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib li l-aggravju tal-appellant huwa gustifikat u ghandu jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Ottubru 2009 u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellant fis-sens li tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tieghu ta' smigh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kollha tal-kawza jibqghu bla taxxa.

Tordna li l-proceduri kontra r-rikorrent jitkomplew konformament ma' dak hawn deciz, u kopja ta' din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li quddiemha qed jitmexxa l-kaz ghall-prosegwiment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------